# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 16 ta' Mejju 2023**

**Appell numru 252/2093**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Eros PAVIA**

**Il-Qorti rat is-segwenti:**

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-18 ta' Settembru 2019 fil-konfront ta' Eros PAVIA (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 289097M) fejn ġie mixli talli f'dawn il-Gżejjer, bejn il-31 ta' Diċembru 2015 u l-1 ta' Jannar 2016 ittraffika, biegħ, qassam jew offra li jittraffika, ibiegħ jew iqassam mediċina psikotropika u ristretta (ecstasy) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll Intern tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Rat li permezz ta’ sentenza deċiża nhar it-18 ta’ Settembru 2019, l-appellant kien ġie misjub ħati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f’dawn il-Gżejjer, fil-lejl ta’ bejn il-31 ta’ Diċembru 2015 u l-1 ta’ Jannar 2016, ittraffika, biegħ, qassam jew offra li jitraffika, ibiegħ jew iqassam mediċina psikotropika u ristretta (ecstasy) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x’jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta’ Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati u kkundannatu għall-perjodu ta’ sitt xhur priġunerija u għall-ħlas ta’ multa ta’ ħames mitt Ewro (€500) li b’applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta ordnat li titħallas mensilment.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi PAVIA appella minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti sabiex joġgħobha tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjarah mhux ħati tal-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu; jew fl-eventwalita li l-ewwel talba ma tiġix milqugħa, tawtorizzah iressaq provi a tenur tal-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta’ Malta u kull xhud ieħor li din il-Qorti tqis bħala neċessarju biex sussegwentement din il-Qorti tassumi l-funzjoni ta’ Qorti tad-droga kif stipulat bl-artikolu 8(1) tal-istess kapitolu u dan wara li, in suċċint, saħaq is-segwenti:

(a) Dwar l-allegat traffikar tad-droga ecstasy filwaqt li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) eskludiet li l-appellant ittraffika d-droga ecstasy, dik il-Qorti kienet tal-fehma li l-appellant offra li jittraffika d-droga ecstasy u in kwantu tali huwa kommetta r-reat ta’ traffikar ta’ dik id-droga. Biss din is-sustanza ma ġiet qatt prodotta mill-Prosekuzzjoni u għalhekk l-appellant ma kellu qatt jiġi misjub ħati tar-reat ta’ traffikar. Dik il-Qorti ma provdietx interpretazzjoni korretta ta’ meta persuna titqies li toffri droga u b’hekk tikkommetti r-reat ta’ traffikar ta’ droga.

(b) Dwar l-allegata ħaġa li l-appellant għadda lil Bellotti ma nġiebetx l-aħjar prova li din kienet fil-fatt pillola ecstasy in kwantu l-Prosekuzzjoni ma preżentatx fil-Qorti din il-pillola li l-anqas biss

ġiet miġbura mill-Pulizija biex tiġi preżervata. Is-sejbien ta' ħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tistrieħ fuq assunzjoni li dak li għadda l-appellant lil Bellotti kienet pillola ecstasy. F'dan il-każ il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova x'kellu moħbi fuqu Bellotti u ma pruvatx lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li kienet pillola ecstasy.

(c) Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx tistrieh biss fuq id-deposizjoni tax-xhud Bellotti, li minflok issiġillat il-każ, iktar ħolqot dubju.

(d) Din il-Qorti kellha wkoll tikkonsidra li tikkonverti ruħha f'Qorti tad-Droga fis-sensi tal-artikolu 8(1) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

## Ċ. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

4. Mix-xiehda ta' Arlen Bellotti jirriżulta li fil-lejla meritu għall-dan il-każ, hu u l-appellant, li kienu jafu lil xulxin minn mindu kienu tfal, kienu qegħdin flimkien. Mument minnhom, Bellotti ġietu l-ħajra biex jieħu xi sustanza stupefaċenti. Kien Bellotti li qal lill-appellant : "jimporta tmur inti jew imur jien jew whatever". Bellotti jżid jgħid li "mar hu u taha lili imma". Mistoqsi fuq x'hiex kien qiegħed jitkellem u x'mar jixtri l-appellant, Bellotti wieġeb: "mhux ecstasy, mhux dik kien hemm ... hu taha lili, tipo xtraha u tah wahda lili u wahda ghalih". Bellotti jżid jgħid li l-flus għaddihomlu hu lill-appellant u kien Bellotti li kien ta l-istruzzjoni lill-appellant biex dan iġiblu d-droga ecstasy. L-appellant aċċetta mar u ġab din il-pillola ecstasy. Imbagħad WPC284 li dakinhar kienet flimkien ma WPS9 rat lil ġuvni (wara rriżulta li kien l-appellant) jgħaddi xi ħaġa lil ġuvni ieħor li wara rriżulta li kien Arlen Bellotti. WPC284 tgħid li din kienet pillola suspettata ecstasy. Mill-banda l-oħra, WPS9 tgħid li kien hemm wieħed li resaq lejn ieħor li kien bilqegħda u għaddielu xi ħaġa f'idejh. Meta ċċekjawhom u rat x'kellu f'idejh dak il-ġuvni. F'idu rat pillola suspettata ecstasy.

5. Huwa minnu li ma jirriżultax li ġiet prodotta din is-sustanza bħala prova f'dan il-każ. Għalhekk bħala punt ta' prinċipju, verament li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma kellhiex l-aħjar prova li dak li WPS9 u WPC284 raw f'idejn Bellotti u dak li Bellotti kien irċieva mingħand l-appellant kienet verament pillola tal-ecstasy.

6. L-appellant ġie mixli bit-traffikar tad-droga ecstasy f'dan il-każ. Skont il-Liġi Maltija, l-att ta' "traffikar" ta' mediċina jinkludi l-kultivazzjoni, l-importazzjoni f'tali ċirkustanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li tali importazzjoni ma kinitx għall-użu esklussiv tal-ħati, u wkoll il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, **li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn atti**, u l-għoti ta' informazzjoni intiża biex twassal għax-xiri ta' tali mediċina bi ksur ta' din il-Liġi.

7. Mix-xiehda ta' Bellotti, l-appellant aċċetta li jmur jixtri l-pillola ecstasy skont kif kien talab Bellotti. Bl-aċċettazzjoni tiegħu, l-appellant allura jiġi li mhux biss offra lilu nnifsu li jipprovdi din il-pillola lil Bellotti, imma skont l-istess Bellotti l-appellant ġablu dik il-pillola. Issa l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) verament ma kellhiex l-aħjar prova biex tikkonkludi li dik il-pillola kienet fil-fatt ecstasy. Imma mill-banda l-oħra kellha l-aħjar prova li l-appellant aċċetta li jipprovdi lil Bellotti bil-pillola ecstasy. Dak li l-Liġi tolqot b'dan ir-reat għalhekk huwa anke s-sempliċi offerta li wieħed jipprovdi l-mediċina lil ħaddieħor – ipoteżi li tista' tissussisti indipendentement mill-eventwali provvista effettiva nnifisha.

8. L-appellant aċċetta li jipprovdi droga lil Bellotti, u offra lilu nnifsu għal dan il-għan. Ix-xiehda ta' Bellotti kienet turi b'mod ċar li l-intenzjoni tiegħu kienet li jipprokura xi sustanza stupefaċenti. Dak li Bellotti ma kienx ċert dwaru f'dak il-mument kien jekk hux sejjer imur hu personali għaliha jew jekk kienx sejjer imur jixtriha l-appellant. Li l-intenzjoni tiegħu kienet li jakkwista u jipprokura sustanza stupefaċenti hija ċara mix-xiehda tiegħu stess. Dan peress li huwa jistqarr li l-appellant kien mar, fuq struzzjonijiet tiegħu jixtri: "mhux ecstasy, mhux dik kien hemm ... hu taha lili, tipo xtraha u tah wahda lili u wahda ghalih". Daqstant ieħor allura kien ukoll ċar f'moħħ l-appellant dak li Bellotti xtaq li jiġi prokurat u provdut lilu mill-appellant jekk u meta l-appellant kien jaċċetta u joffri li jmur hu stess li jixtri, jġorr, jipprokura u jipprovdi lil Bellotti b'dak li Bellotti ried – sustanza stupefaċenti fil-forma ta' pilloli ecstasy.

9. Ix-xiehda ta' Bellotti ma kienetx waħdedha, għax kien hemm ukoll dik korroboranti tal-Aġenti tal-Pulizija li kienu fuq il-post li nnotaw it-*traditio* ta' dak l-oġġett li l-Pulizija ddeskrivew bħala pillola suspettata ecstasy. Żgur hu li f'dan il-kuntest, ix-xiehda ta' Bellotti ma ħolqot ebda dubju. Jekk xejn kienet il-prova kardini li fuqha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet issawwar is-sejbien ta' ħtija tagħha f'dan il-każ.

10. **Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għalhekk setgħet legalment u raġonevolment tikkonkludi li f'dan il-każ kien hemm l-estremi tal-offerta li tiġi provduta mediċina bi ksur tal-Liġi, u konsegwentement traffikar ta' din il-mediċina.**

## Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena

11. In kwantu għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati, huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill- Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005:

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle."
>
> Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed." This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

12. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal- aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell Kandemir u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l- appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti.

13. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil- prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni.

14. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-**sentenza Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

> Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirriżultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

15. Il-ġurisprudenza prevalenti f’dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F’dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta’ reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f’qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza Butler tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta’ l-ewwel qorti.

16. Magħdud dan kollu, din il-Qorti tqis li l-piena li nfliġġiet il-Qorti tal-Maġistrati ta’ sitt xhur priġunerija u multa ta’ ħames mitt euro (€500) kienet taqa’ fil-parametri preskritti mil-Liġi skont dak dispost mill-artikolu 120A(2)(b)(i) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta’ Malta. B’hekk sa dak l-istadju tal-proċeduri, dik il-piena kienet ineċċepibbli in kwantu mhux biss kienet fil-parametri legali iżda kienet ukoll mhux manifestament sproporzjonata jew eċċessiva jew żbaljata fil-prinċipju.

17. Mill-banda l-oħra, kif jirriżulta min-nota tal-Bord tar-Rijabilitazzjoni ta’ Persuni li Nqabdu bid-Droga datata 4 ta’ Jannar 2023 il-proċess riabilitattiv sanċit mill-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta’ Malta ġie kompletat b’suċċess mill-appellant, tant li dak il-Bord għalaq il-każ tal-appellant b’suċċess. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-proviso tal-istess sub-artikolu, din il-Qorti allura tista’ tikkonsidra li issa tirrevedi l-piena inflitta b’piena li ma tkunx tapplika t-terminu minimu mandatorju ta’ priġunerija, jew li teskludi l-applikazzjoni tas-sospensjoni tat-terminu ta’ priġunerija jew tal-applikazzjoni ta’ ordni ta’ probation liema esklużjoni kienet altrimenti mhix permessa mil-Liġi stess.

# Deċide

**Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta’ Malta, tilqa’ l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabet ħtija fl-imputat appellant, tħassarha f’dik il-parti fejn ikkundannat lill-ħati għall-piena ta’ sitt xhur priġunerija flimkien ma multa ta’ ħames mitt euro (€500) u minflok, wara li rat l-artikolu**

7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tqiegħed lill-ħati taħt ordni ta' probation għal perjodu ta' sena millum u dan skont it-termini inklużi fid-digriet li qiegħed jiġi anness ma din is-sentenza.

In oltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 8(8) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta tordna illi dawn ir-reati m'għandhomx jitqiesu għall-finijiet tal-ħruġ taċ-ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta, Kapitolu 77 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**

# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

## ORDNI TA’ *PROBATION*

(MAGHMUL SKONT L-ARTIKOLU 7 TAL-KAPITOLU 446 TAL-LIGIJIET TA’ MALTA)

**Illum 16 ta’ Mejju 2023**

**Appell numru 252/2093**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Eros PAVIA**

Il-Qorti,

Billi b’sentenza mogħtija llum fl-ismijiet premessi, Eros PAVIA ġie kkonfermat ħati kif imfisser fl-istess sentenza u wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta’ *Probation* u ġie mpoġġi taħt Ordni ta’ *Probation* ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Wara li fissret lill-ħati bi kliem ċar l-effett ta’ din l-Ordni ta’ *Probation* (inklużi l-kondizzjonijiet addizzjonali speċifikati hawn taħt skond l-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446) u illi jekk jonqos li jħares din l-Ordni jew jagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta’ tliet snin millum, ikun jista jiġi kkundannat għar-

reat li għalih qiegħda tiġi magħmula din l-Ordni, u illi l-ħati wera li jrid iħares il-kondizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' *Probation*;

Għalhekk **tordna** li l-ħati **Eros PAVIA** li joqghod Binja Santa Katerina Flat 3, Triq il-Ponta, L-Isla, detentur tal-karta tal-identita' numru 289097(M) ikun għal perjodu ta' sena millum taħt is-sorveljanza ta' Uffiċjal ta' *Probation* taħt dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perjodu ta' *probation*, il-ħati għandu jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi kollha tal-*Probation* Officer u jżomm dak il-kuntatt meħtieġ u mitlub mill-uffiċjal tal-*probation* maħtur lilu.

2. L-Uffiċjal tal-*probation* maħtur għal dan l-iskop għandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati kull sitt xhur.

3. Il-ħati għandu javża immedjatament lill-Uffiċjal tal-*probation* b'kull bdil li talvolta jagħmel fl-indirizz residenzjali tiegħu.

4. Li għandu jżomm ruħu f'kuntatt ma' l-uffiċjal tal-*Probation* skont id-direttivi li jagħtih minn żmien għall-ieħor l-istess Uffiċjal tal-*Probation*; u partikolarment li huwa għandu, jekk l-Uffiċjal tal-*Probation* ikun hekk irid, jirċievi żjarat tal-istess Uffiċjal tal-*Probation*.

5. Li joqgħod għal kull programm, ordni, inizjattiva u/jew direttiva tal-Uffiċjal tal-*Probation* intiżi li jgħinuh biex ma jerġax jirrepeti r-reati jew jikkommetti reati oħra.

**TORDNA** li kopja ta' din l-Ordni tingħata lil ħati u lid-Direttur inkarigat mill-Uffiċju tal-*Probation u Parole* ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

**…………………………………….**
**Eros PAVIA**

**………………………………………..**
**Christianne Borg,**
**Deputat Registratur**

................................................
**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**